



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2018

### Wara bosta dewmien, is-sistemi l-ġodda tal-IT doganali mhux se jkunu disponibbli sal-2020. L-Awdituri tal-UE eżaminaw dak li mar ħażin

Skont rapport li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda tal-IT doganali fl-UE kienet suġġetta għal bosta dewmien. Minkejja l-progress li sar, xi wħud mis-sistemi ewlenin mhux se jkunu disponibbli sad-data ta' skadenza tal-2020. L-awdituri jgħidu li se jkun jeħtieġ li l-programm li jmiss jieħu kont tat-tagħlimiet li nsiltu.

Il-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali ilha fuq l-aġenda tal-UE mill-2003 u l-implimentazzjoni tas-sistemi ewlenin tal-IT hija fattur importanti. L-awdituri jgħidu li, 15-il sena wara, xi wħud minn dawn is-sistemi għadhom ma ġewx implimentati.

Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-programm Dwana 2020 biex tappoġġa l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali. Il-baġit totali jammonta għal EUR 523 miljun fuq perjodu ta' seba' snin, li l-biċċa l-kbira minnu huwa ddedikat għall-bini tal-kapaċitajiet tal-IT. L-UE tħallas għall-akkwist, l-iżvilupp, l-installazzjoni, il-manutenzjoni u l-operat ta' kuljum tas-sistemi fil-livell tal-UE. L-Istati Membri jżviluppaw is-sistemi fil-livell nazzjonali u jġarrbu l-ispejjeż assoċjati.

L-awdituri eżaminaw jekk huwiex probabbli li l-programm iwassal għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT meħtieġa għat-titjib tal-operazzjonijiet doganali fl-UE, u jekk jiżgurax l-implimentazzjoni f'waqtha ta' dawn is-sistemi. Huma eżaminaw ukoll l-arranġamenti ta' tfassil, ta' monitoraġġ u ta' rappurtar.

Huma sabu li għadd ta' sistemi ġodda tal-IT mhux se jkunu ġew implimentati bis-sħiħ sad-data ta' skadenza tal-2020. Is-sistemi kienu ġew suġġetti għal bosta dewmien u d-dati ta' skadenza kienu ġew gradwalment posposti. L-awdituri jwissu li hemm ukoll ir-riskju ulterjuri li d-dati ta' skadenza li ġew skedati mill-ġdid mhumiex se jiġu rispettati, iżda minflok se jiġu estżi aktar sa wara l-2025.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

@EUAuditors

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Il-kawżi prinċipali tad-dewmien kienu: it-tibdil fl-ambitu tal-proġett, li żied il-kumplessità; l-insuffiċjenza tar-riżorsi li ġew allokat i mill-UE u mill-Istati Membri, u l-proċess deċiżjonali li ħa fit-tul minħabba l-istruttura ta' governanza b'diversi livelli.

*“Id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-proċessi doganali huma essenzjali għall-UE”, qalet Eva Lindström, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. “Dawn għandhom jikkontribwixxu għall-funzjonament tagħha bħala wieħed mill-akbar blokok kummerċjali, isaħħu l-attività ekonomika u t-tkabbir ekonomiku, u jżidu s-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE. Iżda dan mhux se jseħħ jekk id-dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT jibqgħu ma jintlaħqux u jibqgħu jiġu estiżi.”*

L-awdituri josservaw ukoll li l-Kummissjoni Ewropea ma rrapportatx id-dewmien b'mod xieraq. L-oġettivi u l-arranġamenti ta' rappurtar tal-programm ma kinux adatti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, u r-rappurtar ma kienx trasparenti biżżejjed. Għall-bidu, l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT ġie fil-biċċa l-kbira deċentralizzat u mmirat bil-ħsieb li jitnaqqas ir-riskju li dawn ma jiġux implimentati; iżda dan sar għad-detriment tal-effiċjenza.

Attwalment, l-UE qed tiddiskuti l-programm Dwana li jmiss ta' seba' snin, li huwa mistenni li jinbeda fl-2021, b'baġit propost ta' EUR 950 miljun. F'dan ir-rigward, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea:

- torjenta b'mod espliċitu l-programm Dwana li jmiss lejn l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT, b'oġettivi li jkunu preċiżi u jistgħu jitkejlu;
- ittejjeb l-istimi relatati maż-żmien, mar-riżorsi u mal-ambitu ta' kull proġett tal-IT;
- tiffaċilita l-iżvilupp kooperattiv tas-sistemi tal-IT mal-Istati Membri u bejniethom;
- tissimplifika l-governanza billi tiżgura komunikazzjoni aktar effiċjenti u aktar rapida;
- tirrapporta b'mod f'waqt u trasparenti dwar l-implimentazzjoni u l-infiq.

## Noti lill-Edituri

L-essenza tal-Unjoni Doganali hija n-nuqqas ta' dazji doganali fil-fruntieri interni bejn l-Istati Membri, kif ukoll l-istabbiliment ta' dazji doganali komuni fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

L-UE tiddependi fuq il-fluss effiċjenti tal-merkanzija 'l ġewwa u 'l barra mill-Unjoni Doganali, kif ukoll fuq il-moviment liberu tal-merkanzija fiż-żona tas-Suq Uniku. Skont l-istatistika l-aktar reċenti li hija disponibbli, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet flimkien ammontaw għal madwar EUR 3.7 triljun. Dan juri l-importanza tal-kummerċ u tal-Unjoni Doganali għall-prosperità tal-UE. Minbarra dan, id-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet jikkostitwixxu parti importanti mid-ħul tal-UE. Fl-2017, dawn ammontaw għal EUR 20.3 biljun, li jirrappreżenta 15 % tal-baġit totali tal-UE.

Il-programm Dwana 2020 jiffinanzja l-komponenti tal-UE tas-sistemi tal-IT. Dawn jirreferu għal riżorsi (bħal hardware, software, konnessjonijiet tan-netwerk) u servizzi li jappoġġaw is-sistemi

tal-IT li huma komuni għall-UE u għall-Istati Membri. Jeħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw il-komponenti nazzjonali relatati (komponenti mhux tal-UE) u jħallsu l-ispejjeż assoċjati.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta' spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 26/2018 “Bosta dewmien fis-Sistemi tal-IT doganali: x’mar ħażin?” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu)) bl-Ingliż.